MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Numru. 1245/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur James Grech]**

**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Mary Anne Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mary Anne Borg detentrici tal-karta tal-identita` numru 474584M.

Akkuzata talli nhar il-05 ta' Dicembru 2013 wara nofs inhar, b'diversi atti maghmulin minna anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

1. Iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

2. u aktar talli, bil-qerq ħolqot jew ġiegħlet jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

3. u aktar talli bil-hsieb li tagħmel ħsara lil xi persuna, akkużat lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li tkun akkużatha;

4. u aktar talli aktar tard matul il-jum, halfet il-falz quddiem il-Perit Richard Aquilina, ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament liema gurament kien ordnat b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta;

Akkuzata wkoll talli nhar il-05 ta' Dicembru 2013 u / jew fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minna anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

5. ikkommettiet serq ta’ ammont ta’ deheb liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li jeccedi l-ammont ta’ elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-Persuna, bil-Lok ghad-detriment ta’ Mario Galea u / jew persuna, persuni u / jew entitajiet ohra;

6. U aktar talli b’hekk ghamlet reat waqt perijodu operattiv ta’ *Conditional Discharge* ghal zmien sena imposta fuqha mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. nhar is-26/03/2013.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, barra mill-piena tapplika espressament il-piena ta’ l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit f’kull kaz li jkun u dan kif mahsub f’Artikolu 109 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba wkoll tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-ammissjoni bikrija tal-imputat fil-prezentata;

Rat ukoll illi l-parte civile hafret lill-imputata tant li huma qeghdin jghixu flimkien;

Rat l-atti tal-Inkjesta Magisterjali Nru 924/13 redatta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri LL.D. esebita fl-atti; u

Rat illi l-imputata regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2014.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 108(1)(a), 109, 101(1)(a), 110(1)(2), 293, 310(1)(a) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata Mary Anne Borg hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u stante illi t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza huma komprizi fl-ewwel (1) akkuza, qeghda tpoggiha ghal Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin kif ukoll Ordni ghal Servizz fil-Kommunita` ghal mitt (100) siegha.

Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputata interdizzjoni generali ghal hames snin, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputata sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Il-Qorti ukoll qed tikkundanna lill-imputata li thallas l-ispejjez peritali tal-inkjesta u dan skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ammont ta' sitt mija u erbgha u hamsin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€654.34) b'sena (1)

zmien sabiex thallas l-istess ammont. Fin-nuqqas ta' hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order u Ordni ghal Servizz fil-Kommunita` annessi mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------